Nagħti l-kunsens tiegħi.

(L.S.) MARIE LOUISE COLEIRO PRECA
President

17 ta' April, 2014

**ATT Nru. X tal-2014**

*ATT biex jemenda l-Kostituzzjoni ta' Malta.*

IL-PRESIDENT, bil-parir u l-kunsens tal-Kamra tad-Deputati, imlaqqgħa f'dan il-Parlament, u bl-awtorità tal-istess, ħareġ b'liġi dan li ġej:-

**1.** It-titolu ta' dan l-Att hu l-Att tal-2014 sabiex jemenda l-Kostituzzjoni ta' Malta, u dan l-Att għandu jinqara u jiftiehem ħaġa waħda mal-Kostituzzjoni ta' Malta, hawn iżjed 'il quddiem imsejjħa "il-Kostituzzjoni". Titolu fil-qosor.

**2.** Fl-artikolu 32 tal-Kostituzzjoni, minflok il-kliem "twemmin jew sess tagħha" għandhom jidħlu l-kliem "twemmin, sess, orjentazzjoni sesswali jew identità tal-ġeneru tagħha". Emenda tal-artikolu 32 tal-Kostituzzjoni.

**3.** L-artikolu 45 tal-Kostituzzjoni għandu jiġi emendat kif ġej: Emenda tal-artikolu 45 tal-Kostituzzjoni.

(a) fis-subartikolu (3) tiegħu, minflok il-kliem "fidi jew sess" għandhom jidħlu l-kliem "fidi, sess, orjentazzjoni sesswali jew identità tal-ġeneru"; u

(b) fil-paragrafu (b) tas-subartikolu (5) tiegħu, minflok il-kliem "(li ma jkunux kwalifiki li jirrigwardaw is-sess speċifikament)" għandhom jidħlu l-kliem "(li ma jkunux kwalifiki li jirrigwardaw is-sess, l-orjentazzjoni sesswali jew l-identità tal-ġeneru speċifikament)".

Mgħoddi mill-Kamra tad-Deputati fis-Seduta Nru. 141 tal-14 ta' April, 2014.

ANĠLU FARRUĠIA
*Speaker*

RAYMOND SCICLUNA
*Skrivan tal-Kamra tad-Deputati*

I assent.

**(L.S.)** MARIE LOUISE COLEIRO PRECA
President

17th April, 2014

## ACT No. X of 2014

*AN ACT to amend the Constitution of Malta.*

BE IT ENACTED by the President, by and with the advice and consent of the House of Representatives in this present Parliament assembled, and by the authority of the same as follows:-

**1.** The short title of this Act is the Constitution of Malta (Amendment) Act, 2014, and this Act shall be read and construed as one with the Constitution of Malta, hereinafter referred to as "the Constitution". Short title.

**2.** In article 32 of the Constitution, for the words "creed or sex" there shall be substituted the words "creed, sex, sexual orientation or gender identity". Amends article 32 of the Constitution

**3.** Article 45 of the Constitution shall be amended as follows: Amends article 45 of the Constitution

(a) in sub-article (3) thereof, for the words "creed or sex" there shall be substituted the words "creed, sex, sexual orientation or gender identity"; and

(b) in paragraph (b) of sub-article (5) thereof, for the words "(not being qualifications specifically relating to sex)" there shall be substituted the words "(not being qualifications specifically relating to sex, sexual orientation or gender identity)".

VERŻJONI ELETTRONIKA



Passed by the House of Representatives at Sitting No. 141 of the 14th April, 2014.

ANĠLU FARRUGIA
*Speaker*

RAYMOND SCICLUNA
*Clerk to the House of Representatives*